MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 348/2008

**Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Samuel Borg**
**Paul Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati omissis u l-imputat Samuel Borg ta’ 21 sena, iben il-mejjet Ronald u Rita nee’ Ellul, imwieled Pieta’ nhar il-10 ta’ Settembru 1986 u residenti Block Indipendenza Entrance E, Flat 8, Taz-Zwejt, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 434286(M) u l-imputat Paul Pace ta 38 sena, iben il-Joseph u Anita nee’ Penn, imwieled Pieta’ nhar is-17 t’ Awwissu 1969 u

residenti Entrance D, Flat 21, 21 September 1964 Taz-Zwejt, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 352569(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

(a) F'San Gwann f' xi hin bejn it-tlieta nieqes kwart u tlieta u nofs ta' wara nofsinhar tal-Hadd 20 ta' April 2008, ikkommetta serq ta' flus minn gewwa l-hanut Spotless li jinsab f' Triq Giorgio Preca, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37€) u bil-mezz ghad-dannu ta' Philip Forace.

(b) Omissis wahdu li fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe l-hgiega tal-vittrina u l-isticker tar-reklam li kien hemm fuqha u li jinsabu fil-faccata tal-hanut Spotless li jinsabu fi Triq Giorgio Preca, liema hsara tammonta ghall-valur ta' tmien mija u tlettax-il ewro u tnejn u tletin centezmu (813.32€) u dan ghad-dannu ta' Philip Forace.

(c) Lil Samuel Borg li fl-istess data, lok u cirkostanzi instabu fil-pussess tieghu, diversi oggetti li ma humiex tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma tah kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu imfietah imqalbin jew iffalsifikati jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu ghandu oggetti, minghajr ma tah kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

(d) Lil Samuel Borg wahdu li fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu zewgt strumenti li jaqtghu u bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(e) Lil Samuel Borg, Paul Pace u omissis talli rrendew ruhhom recidivi ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi huma kienu gew misjuba hatja b' sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta’ Ottubru 2008 (esebita a fol. 217 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIL-KONFRONT TA’ SAMUEL BORG

(a) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikolu 6 tal-Kap. 480 ;
(d) fl-artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali ;

FIL-KONFRONT TA’ PAUL PACE

(a) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta’ Frar 2009, l-imputati Samuel Borg u Paul Pace ddikjaraw li m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq li sar fl-20 ta’ April 2008 mill-hanut bl-isem ‘Spotless’ li jinsab fi Triq Giuseppe Grech, San Gwann u liema serq sehh bejn it-2.45pm u t-3.30pm. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Bernard Spiteri [1] jirrizulta li l-Pulizija rcevew telefonata fejn gew infurmati li kien hemm persuna qed tisraq gewwa l-imsemmi hanut u meta huma marru fuq il-post sabu il-hgiega ta’ wara tal-hanut imkissra u minn investigazzjoni ulterjuri rrizultalhom li kien hemm persuna li kien ra ragel

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda realttiva nserita a fol. 40 sa 44 tala-tti processwali.

liebes jeans blu u t-shirt abjad u b'gakketta kanella f'idejh jitlaq minn fuq il-post jiehu xi boroz minn safe abjad u jgezwirhom fl-imsemmija gakketta kannella. Din il-persuna li tat l-informazzjoni, li huwa Christian Roger Marlin u li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta Awissu 2008 qal lil Pulizija li huwa kien ra lil dan ir-ragel liebes jeans blu u t-shirt abjad jarmi s-safe fir-roqa haxix li kien hemm faccata tal-hanut u li huwa ra lill-istess ragel jitlaq minn fuq il-post bil-mixi u wahdu. L-Ispettur Spiteri spjega li waqt li huma kienu sejrin lejn il-hanut minn fejn kienet saret is-serqa kienu lemhu ragel bid-deskrizzjoni moghtija lilhom miexi fit-triq u imbaghad raw vettura b'zewg irgiel fiha twaqqaflu u huwa tela' fl-imsemmija vettura. Mill-hanut irrizulta li kien insteraq safe bil-flus fih u dan is-safe instab mill-Pulizija fil-haxix hdejn il-hanut li minnu kienet saret is-serqa. Aktar tard fl-istess gurnata il-Pulizija rcevew rapport minghand il-familjari ta' Alan Cutajar li kien ko-akkuzat fil-proceduri odjerni izda llum il-gurnata l-proceduri fil-konfronti tieghu ghaddew in gudikat, li dan kien mar id-dar bi tlett boroz flus u gakketta kannella u qal lil genituri tieghu li kien ghadu kemm seraq dawn il-flus, huwa mbaghad telaq il-barra u rikeb f'vettura qadima fejn kien hemm zewg persuni qed jistennewh. Ghall-habta tal-5.30pm tal-istess gurnata il-Pulizija arrestat lill-imsemmi Alan Cutajar u huwa qal lil Pulizija li ftit qabel huwa kien f'vettura mal-imputati Samuel Borg u Paul Pace. Dawn gew arrestati mill-Pulizija ftit tal-minuti wara u meta saret tfittxija fil-vettura li kienu fiha li kienet Ford Cortina bajda instabu xi muniti tal-€1 u tat-€2 fl-ashtray kif ukoll zewg karti tal-€20 taht it-tapit. Fil-bagoll tal-vettura instabu wkoll cilindru tal-gass, kuccarina, u zewgt imwies.

Paul Pace irrilaxxja stqarrija[2] lil Pulizija fejn huwa ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Huwa ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni[3] fejn dan spjega lil fil-gurnata in dizamina ghall-habta tas-2.00pm jew it-3.00pm huwa kien mar dawra ma Samuel Borg bil-vettura ta' dan tal-ahhar u huma u ghaddejjin mill-main road ta' San Gwann l-ewwel raw lill-Ispettur Bernard Spiteri ghaddej fit-triq u selmulu u

[2] Inserita a fol. 47 tala-ti processwali.
[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 247 sa 251.

ftit sekondi wara raw li Alan Cutajar li ghamlilhom sinjal sabiex iwaqfulu u huma hekk ghamlu, huwa tela’ fil-vettura u talabhom iwasluh id-dar tieghu, huwa imbaghad dahal id-dar ghal ftit minuti u rega’ hareg u mbaghad marru dawra il-Cottonera. L-imputat Paul Pace qal li meta Alan Cutajar rega’ dahal fil-vettura wara li ken dahal id-dar dan qalilhom li huwa kien wettaq serqa.

L-imputat Samuel Borg ukoll irrilaxxja stqarrija[4] fejn spjega li  fil-gurnata in dizamina huwa kien sejjer jiffirma l-Ghassa ta’ San Giljan bil-vettura tieghu meta ltaqa’ ma Paul Pace u qallu sabiex imur mieghu. Huwa spjega li huma u sejrin raw lil Alan Cutajar li beda’ jxejrilhom u ftit sekondi wara raw lil Pulizija. Samuel Borg jghid li huwa dar mar-roundabout u waqqaf il-vettura sabiex irikkeb lil Alan Cutajar u meta dan dahal fil-vettura kellu gakketta kannella f’idejh b’xi boroz bil-flus u huwa qalilhom li kien ghadu kemm seraq dawn il-flus minn hanut tas-sapun u talabhom iwasluh id-dar fejn ha il-gakketta u l-boroz bil-flus u mbaghad rega’ nizel u marru l-Cottonera u mbaghad regghhu irritornaw lura lejn San Gwann fejn nizel Cutajar u huma marru jiffirmaw l-Ghassa ta’ San Giljan u imbaghad meta regghu waslu San Gwann gew arrestati mill-Pulizija. Samuel Borg qal li huwa sar jaf dwar is-serqa meta tella lil Cutajar fil-vettura tieghu u qabel ma kien jaf xejn. Huwa qal ukoll li l-muniti li kien hemm fl-ashtray tal-vettura tieghu kienu l-bqija li kien ikollu meta jixtri xi haga u sostna lli l-€40 li kienu nstabu fil-vettura tieghu kienu hemm ghaliex kien ghadu kemm sarraf ic-cheque tar-relief. Huwa cahad kategorikament li b’xi mod kien involut fis-serqa ma Alan Cutajar. L-imputat Samuel Borg ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri[5] fejn rega’ irrepeta dak li kien qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata u zied jghid li l-ghodda li nstabu fil-bagoll tal-vettura li kien qed isuq hu, liema vettura kienet ta’ missieru li kien ghadu kemm miet ftit tal-jiem qabel, kienu ta’ missieru li kien jaghmel xoghol ta’ sprayer u mechanic. Huwa qal li l-muniti li kien hemm fl-ashtray kienu ta missieru filwaqt li l-flus l-ohra kienu tieghu u kienet ghadha kemm tathomlu ommu. Huwa

[4] Inserita a fol. 45 u 46 tal-atti prorcesswali.
[5] Traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 259 sa 263.

nnega li kien ha xi flus minghand Cutajar derivanti mis-serqa.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll Alan Cutajar li gie prodott bhala xhud mill-imputat Paul Pace u dan wara li l-proceduri fil-konfronti ta’ Cutajar kienu diga’ gew konkluzi. Alan Cutajar li xehed waqt l-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2009 ikkorobora dak li qalu Samuel Borg u Paul Pace fis-sens li huwa qal li kien wettaq is-serqa wahdu u li meta telaq minn fuq il-post bil-mixi kien ra lil Pace u Borg ghadejjin bil-karozza u huwa ghamillhom sinjal sabiex iwaqfulu u jrikbuh maghhom. Huwa kkonferma li kien qal lil Pace u lil Borg dwar is-serqa li kien wettaq wara li huma rikbuh fil-vettura u li huma ma kienu jafu xejn dwar is-serqa minn qabel.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati Paul Pace u Samuel Borg jinsabu akkuzati li kienu awturi fis-serqa li saret mill-hanut Spotless fl-20 ta’ April 2008. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz bl-ebda mod ma jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imsemmija imputati wettqu dan ir-reat. Anzi mill-provi rrizulta li kien Alan Cutajar wahdu li dahal fl-imsemmi hanut u wettaq is-serqa. Mill-provi izda rrizulta li Paul Pace u Samuel Borg ftit tal-hin wara li twettaq id-delitt minn Cutajar rikbu lil dan tal-ahhar fil-vettura taghhom. Dan il-fatt jista’ jitqies bhala prova li l-imputati Borg u Pace kienu komplici fid-delitt flimkien ma Cutajar? Sabiex Pace u Borg jistghu jinstabu hatja bhala komplici fl-imsemmi delitt irid jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Pace u Borg (i) kienu jafu li Alan Cutajar kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li huma deliberatament ghenuh sabiex iwettaq id-delitt billi ghamlu xi haga li tinkwadra ruhha f’wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li s-semplici fatt li Pace u Borg kienu vicin il-post tad-delitt ftit wara li dan twettaq ma jfissirx necessarjament li huma kienu jafu x’kien ser jaghmel Cutajar. F’dan ir-rigward il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta’ Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet

‘Pulizija vs omissis u Carmel Agius’ fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*‘Huwa veru li l-presenza ta’ persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista’ tammonta ghall-komplicita’ f’dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-prezenza ta’ dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.’*

Il-Qorti jidrilha li fil-kaz in dizamina huwa plawzibbli li l-imputati Paul Pace u Samuel Borg li t-tnejn jghixu San Gwann inzertaw ghaddejjin mill-main road ta’ San Gwann bil-vettura taghhom meta raw lil Alan Cutajar miexi fit-triq u dan ghamlilhom sinjal sabiex iwaqfulu u jrikbuh maghhom. Del resto dan jirrizulta mix-xhieda tal-istess Alan Cutajar li kkorobora dak li qalu Pace u Borg kif ukoll mix-xhieda ta’ Christian Roger Marlin, li huwa xhud ghal kollox indipendenti, li qal li ra lil Cutajar jitlaq jimxi minn fuq il-post tad-delitt wahdu u fl-ebda hin ma qal li ra lill-imputati Borg u Pace jistennewh bil-vettura taghhom vicin tal-post tad-delitt. Il-Qorti tixtieq taghmel referenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f’sentenza tas-6 ta’ Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Stanley Chircop’ fejn gie ritenut li ‘fil-ligi Maltija il-figura tal-accessory after the fact li tezisti fil-ligi Ngliza ma tiffurmax parti mill-elementi inkluzi u msemmija tassattivament fil-ligi, biex ikun hemm komplicita’ fir-reat. Il-fatt wahdu li l-imputati Pace u Borg rikbu lil Alan Cutajar fil-vettura taghhom ftit ‘il boghod minn fejn sehh id-delitt u wara li dan kien gie mwettaq minnu minghajr il-prova li huma kienu jafu minn qabel u ftehmu mieghu minn qabel, haga li ma tirrizultax pruvata, ma jirriendihomx komplici fir-reat ta’ serq ma Cutajar.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda il-bqija tal-imputazzjonijiet li bihom jinsab addebitat l-imputat Samuel Borg wahdu l-Qorti jidrilha li jezisti d-dubju li effettivament l-oggetti li nstabu fil-vettura minnu misjuqa setghu kienu ta’ missieru, il-

propjetarju tal-vettura li fiha nstabu l-oggetti, u l-Qorti jidrilha li tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u huwa ser jigi ghalhekk dikjarat mhux hati tal-imsemmija imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Paul Pace u Samuel Borg mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------